



Brussell, 28 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10420/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2024/0122(NLE)**

**MI 548
ECO 18
ENT 102
UNECE 9**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Mejju 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 219 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-proposti għal modifiki tar-Regolamenti tan-NU Nru 13, 13-H, 22, 30, 41, 49, 51, 54, 63, 78, 79, 83, 85, 96, 100, 101, 108, 109, 117, 120, 129, 134, 138, 150, u 155, u dwar proposta għal regolament ġdid tan-NU dwar il-prestazzjoni tal-qabda fuq il-borra u l-klassifikazzjoni tat-tajers tat-trazzjoni għal tajers bil-wiċċ ġdid, dwar proposti għal modifiki tar-regolamenti tekniċi globali tan-NU Nru 9, 13, 21, 22 u 24, u dwar proposta għal emenda tar-riżoluzzjoni reċiproka Nru 1

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 219 final.

Mehmuż: COM(2024) 219 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2024
COM(2024) 219 final

2024/0122 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-proposti għal modifiki tar-Regolamenti tan-NU Nru 13, 13-H, 22, 30, 41, 49, 51, 54, 63, 78, 79, 83, 85, 96, 100, 101, 108, 109, 117, 120, 129, 134, 138, 150, u 155, u dwar proposta għal regolament ġdid tan-NU dwar il-prestazzjoni tal-qabda fuq il-borra u l-klassifikazzjoni tat-tajers tat-trazzjoni għal tajers bil-wieċ ġdid, dwar proposti għal modifiki tar-regolamenti tekniċi globali tan-NU Nru 9, 13, 21, 22 u 24, u dwar proposta għal emenda tar-riżoluzzjoni reċiproka Nru 1

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta hija għal deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (WP.29) fir-rigward tal-adozzjoni ta' modifiki tar-regolamenti attwali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU).

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Ftehim Parallel

Hemm żewġ ftehimiet fis-seħħ biex jiġu żviluppati rekwiżiti armonizzati biex jitneħħew l-ostakli tekniċi għall-kummerċ fil-vetturi bil-mutur bejn il-partijiet kontraenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE), u biex jiġi żgurat li l-vetturi bil-mutur joffru livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni ambjentali. Dawn huma:

- il-Ftehim tan-NUKEE dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għal vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jiġu ffitjati u/jew jintużaw fuq vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija abbażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet (il-“Ftehim Rivedut tal-1958”); u
- il-Ftehim li jikkonċerna l-istabbiliment tar-regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jiġu ffitjati u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti (il-“Ftehim Parallel”).

Għall-UE, il-ftehimiet daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998 u fil-15 ta' Frar 2000 rispettivament. Ix-xogħol relatat ma' dawn il-ftehimiet huwa ssorveljat mid-WP.29.

2.2. Il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti

Id-WP.29 jipprovdi qafas uniku għal regolamenti armonizzati dwar il-vetturi fuq livell dinji. Id-WP.29 huwa grupp ta' ħidma permanenti fil-qafas istituzzjonali tan-NU li għandu mandat speċifiku u regoli ta' proċedura speċifiċi. Dan jaħdem bħala forum globali li matulu jistgħu jsiru diskussjonijiet miftuħin rigward ir-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur u dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u tal-Ftehim Parallel. Kull membru tan-NU u kull organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika mwaqqfa min-NU jistgħu jieħdu sehem bis-sħiħ fl-attivitajiet tad-WP.29 u jsiru parti kontraenti għall-ftehimiet dwar il-vetturi li jissorvelja d-WP.29. L-UE hija parti għal dawn il-ftehimiet¹.

Il-laqgħat tad-WP.29 tan-NUKEE jsiru tliet darbiet fis-sena, jiġifieri f'Marzu, f'Ġunju, u f'Novembru. Biex jirrifletti l-progress tekniku, f'kull laqgħa, id-WP.29 jista' jadotta:

regolamenti ġodda tan-NU;

riżoluzzjonijiet ġodda tan-NU;

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-ħsieb tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li tikkonċerna l-addozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu ikunu iffitjati ma' u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet reċiproċi tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet (“Ftehim Rivedut tal-1958”) (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jstabbilixxi regolamenti, tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwāħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti (“Ftehim Parallel”) (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

regolamenti tekniċi globali ġodda tan-NU (GTRs tan-NU);

modifiki tar-regolamenti u r-riżoluzzjonijiet tan-NU skont il-Ftehim Rivedut tal-1958; u

modifiki għall-GTRs u r-riżoluzzjonijiet tan-NU skont il-Ftehim Parallel.

Qabel kull laqgħa tad-WP.29, il-korpi sussidjarji ddedikati tad-WP.29 jiddiskutu dawn il-modifiki fil-livell tekniku.

Għaldaqstant, id-WP.29 jista' jadotta l-proposti:

b'maġġoranza kwalifikata tal-partijiet kontraenti preżenti u b'votazzjoni għal proposti skont il-Ftehim Rivedut tal-1958; jew

b'vot ta' konsensus tal-partijiet kontraenti preżenti u b'votazzjoni għal proposti skont il-Ftehim Parallel.

Qabel kull laqgħa tad-WP.29, tiġi stabbilita b'Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE dwar:

regolamenti ġodda tan-NU, GTRs ġodda tan-NU u riżoluzzjonijiet ġodda tan-NU; u

emendi, supplimenti u rettifiki għar-regolamenti tan-NU, GTRs tan-NU u riżoluzzjonijiet tan-NU.

2.3. L-att previst tad-WP.29

Mill-25 sat-28 ta' Ġunju 2024, matul il-193 sessjoni tiegħu, id-WP.29 jista' jadotta serje ta':

proposti għal emendi tar-Regolamenti tan-NU Nru 13, 13-H, 22, 30, 41, 49, 51, 54, 63, 78, 79, 83, 85, 96, 100, 101, 108, 109, 117, 120, 129, 134, 138, 150 u 155;

proposta għal regolament ġdid tan-NU dwar il-prestazzjoni tal-qabda fuq il-borra u l-klassifikazzjoni tat-tajers tat-trażżjoni għal tajers bil-wiċċ ġdid;

proposti għal modifiki tar-regolamenti tekniċi globali (GTR) tan-NU Nru 9, 13, 21, 22 u 24; u

proposta għal emenda tar-riżoluzzjoni reċiproka Nru 1.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UE

Is-sistema tad-WP.29 issa għadha l-armonizzazzjoni internazzjonali tal-istandards tal-vetturi. Il-Ftehim Rivedut tal-1958 għandu rwol ewlieni fil-kisba ta' dan l-oġettiv. Il-manifatturi tal-UE jistgħu jużaw sett komuni ta' regolamenti dwar l-approvazzjoni tat-tip bl-għarfien li l-partijiet kontraenti se jirrikonoxxu l-prodotti tagħhom bħala konformi mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

Din l-iskema għamlitha possibbli li r-Regolament (KE) Nru 661/2009 dwar is-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur iħassar aktar minn 50 direttiva tal-UE u jissostitwihom b'regolamenti korrispondenti żviluppati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958.

Ir-Regolament (UE) Nru 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² isegwi approċċ simili. Jistabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip u t-tqegħid fis-suq tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati ġodda kollha. Dan ir-Regolament jinkorpora r-regolamenti li ġew adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 fis-sistema

² Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġislazzjoni tal-UE.

Ladarba d-WP.29 ikun adotta proposta għal regolament ġdid tan-NU jew għal modifiki għal regolament eżistenti tan-NU, is-Segretarju Eżekuttiv tan-NUKEE jinnotifika l-att korrispondenti lill-partijiet kontraenti. L-att jidħol fis-seħħ dment li fi żmien sitt xhur ma jkunx hemm oġġezzjoni minn minoranza li timblokka tal-partijiet kontraenti. Imbagħad, kull parti kontraenti tista' tittrasponi l-att fir-regoli nazzjonali applikabbli tagħha. Fl-UE, il-proċess ta' traspożizzjoni jitlesta bil-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-pożizzjoni tal-UE għandha tiġi stabbilita rigward l-atti li ġejjin:

- il-proposti għal modifiki tar-Regolamenti tan-NU Nru 13, 13-H, 22, 30, 41, 49, 51, 54, 63, 78, 79, 83, 85, 96, 100, 101, 108, 109, 117, 120, 129, 134, 138, 150 u 155 biex jiġu aġġornati d-dispożizzjonijiet dwar:
 - l-ibbrejkjar tal-vetturi tqal - l-emendi proposti għandhom l-għan li jadattaw ir-regolament biex jippermettu l-approvazzjoni ta' vetturi mġhamra kemm b'sistema ta' sewqan awtomatizzat kif ukoll b'modalità ta' sewqan manwali;
 - l-ibbrejkjar tal-karozzi tal-passiġġieri - l-emendi proposti għandhom l-għan li jadattaw ir-regolament biex jippermettu l-approvazzjoni ta' vetturi mġhamra kemm b'sistema ta' sewqan awtomatizzat kif ukoll b'modalità ta' sewqan manwali;
 - elmi protettivi - l-emendi proposti għandhom l-għan li jintroduċu alternattiva (jiġifieri simulatur riġidu) għall-metodu ta' ttestjar eżistenti (jiġifieri simulatur deformabbli), li tiffaċilita l-kostruzzjoni tas-simulatur, u jagħmel il-verifika irħas fir-rigward tal-ispiża globali tat-testijiet;
 - tajers għall-vetturi tal-passiġġieri u t-trejlers tagħhom - l-emendi proposti jippermettu soluzzjonijiet tekniċi oħra ta' kejl għall-wisa' ġenerali tat-tajers, u b'hekk jiffaċilitaw l-innovazzjonijiet tekniċi;
 - l-emissjonijiet tal-istorbju tal-muturi - l-emendi proposti jaġġornaw ir-referenza tal-korsa tat-test ISO 10844 għall-ogħla livell ta' żvilupp tekniku;
 - l-emissjonijiet ta' magni ta' tqabid bil-kompressjoni u ta' tqabid bi spark (LPG u CNG) - l-emendi proposti għandhom l-għan li jippermettu l-użu tal-idroġenu bħala fjuwil għall-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet ta' vetturi heavy-duty. Din l-emenda għandha l-għan li tintegra biss magni tal-idroġenu monofjuwil;
 - storbju tal-vetturi tal-kategoriji M u N - l-emendi proposti jintroduċu korrezzjonijiet u kjarifiki dwar id-definizzjoni tal-potenza, il-kalibrazzjoni, il-korrezzjoni tat-temperatura u l-valutazzjoni tal-ħoss ta' referenza ġew inklużi abbażi tal-esperjenzi bl-aħħar bidliet ta' dan ir-regolament;
 - it-tajers għal vetturi kummerċjali u t-trejlers tagħhom - l-aġġornamenti proposti jispeċifikaw li l-wisa' totali massima tat-tajers identifikati bis-simbolu "A" tal-"konfigurazzjoni tal-muntatura tat-tajer mar-rimm" tinkludi tolleranza ta' erba' fil-mija. Barra minn hekk, dawn jallinjaw l-Anness 9 mal-Anness 1 li jippermetti lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip jagħmlu konnessjoni mar-rapporti rilevanti;
 - l-emissjonijiet tal-istorbju tal-mopeds - l-emendi proposti jaġġornaw ir-referenza tal-korsa tat-test ISO 10844 għall-ogħla livell ta' żvilupp tekniku;

- brejkijiet tal-muturi - l-emendi proposti għandhom l-għan li jikkoreġu allinjament ħażin mhux intenzjonat bejn id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali għas-serje 06 l-ġdida ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 78 u l-Linji gwida ġenerali għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fir-regolamenti tan-NU,
- tagħmir tal-isteering - l-emendi proposti għandhom l-għan li jiċċaraw id-dispożizzjonijiet għall-funzjoni tal-isteering bi kmand awtomatiku għall-ipparkjar ikkontrollat mill-bogħod tal-kategorija A għal kombinamenti ta' vetturi. Id-definizzjoni attwali tistabbilixxi limitu massimu ta' distanza ta' 6 m għall-vettura bil-mutur, li mhuwiex biżżejjed f'sitwazzjonijiet fejn l-operazzjoni hija ssorveljata mis-sewwieq li jinsab wara l-kombinamenti ta' vetturi. Barra minn hekk, il-proposta għandha l-għan li tadatta r-regolament biex jippermetti l-approvazzjoni ta' vetturi mġhammra kemm b'sistema ta' sewqan awtomatizzat kif ukoll b'modalità ta' sewqan manwali;
- l-emissjonijiet ta' vetturi M1 u N1 - l-emendi proposti jippermettu l-kalkolu tal-valuri tat-tagħbija fit-triq minn dawk iddeterminati skont il-GTR tan-NU Nru 15 (WLTP) u jallinjaw ir-Regolament tan-NU Nru 83 mar-Regolament tan-NU Nru 154. Barra minn hekk, l-emendi proposti għandhom l-għan li jintroduċu korrezzjonijiet u kjarifiki sabiex il-vetturi li jaqgħu taħt "tip ta' vettura wieħed fir-rigward tal-emissjonijiet" f'konformità, mar-Regolament tan-NU Nru 154 xorta jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-regolament. Fl-aħħar nett, il-proposta tipprowdi aktar ċarezza rigward ir-rekwiżiti marbuta mal-karattri tal-emissjonijiet differenti EA, EB u EC;
- il-kejl tal-potenza netta u tal-potenza ta' 30 minuta - l-emendi proposti għandhom l-għan li jiċċaraw u jaġġornaw ir-rekwiżiti għall-installazzjoni tal-awżiljarji meta tiġi ttestjata l-potenza netta jew il-potenza ta' 30 minuta tas-sistemi tal-mototrażmissjoni elettriċi. Huwa propost li jitneħħa r-rekwiżit li l-pompa u t-termostat jitqiegħdu fuq il-bank tat-test fl-istess pożizzjoni relattiva bħal fuq il-vettura;
- id-dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' magni li għandhom jiġu installati f' tratturi agrikoli u tal-forestrija u f'makkinarju mobbli mhux tat-triq fir-rigward tal-emissjonijiet ta' inkwinanti mill-magna - l-emendi proposti għandhom l-għan li jikkoreġu żbalji tipografiċi, kif ukoll li jippermettu li l-użu tal-idroġenu bħala fjuwil għall-approvazzjoni ta' magni tal-kombustjoni interna maħsuba biex jiġu installati f' tratturi agrikoli u tal-forestrija u f'makkinarju mobbli mhux tat-triq;
- il-vetturi b'motopropulsjoni elettrika - l-emendi proposti jintroduċu tikkettar, li se jgħin lis-servizzi ta' emerġenza jiddeterminaw kif jiġu avviċinati l-karozzi tal-linja u t-trakkijiet mġhammra b'sistema tal-mototrażmissjoni elettrika f'każ ta' nar, speċjalment ir-REESS tal-vettura jew f'każ li r-REESS issirilha ħsara minħabba aċċident;
- l-emissjonijiet tas-CO₂/il-konsum tal-fjuwil - l-emendi proposti jippermettu proċess alternattiv għall-verifika tal-konsum tal-enerġija elettrika f'konformità mal-produzzjoni, u jemendaw ir-rekwiżit taċ-ċarġer u l-metodu tal-kejl tal-kurrent tar-REESS għal motopropulsjoni elettrika ibrida. Iż-żewġ bidliet jallinjaw mal-proċediment u mal-proċeduri diġà inklużi fis-serje ta' emendi 02 għar-Regolament tan-NU Nru 154;
- it-tajers bil-wiċċ ġdid għall-karozzi tal-passiġġieri u t-trejlers tagħhom - l-emendi proposti jċaqilqu l-preskrizzjonijiet għall-prestazzjoni tal-qabda fuq il-borra ta'

tajers bil-wiċċ ġdid mir-Regolament tan-NU Nru 108 għal Regolament tan-NU ddedikat ġdid dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tajers bil-wiċċ ġdid tal-klassijiet C1, C2 u C3 fir-rigward tal-prestazzjoni tal-qabda tagħhom fuq il-borra u/jew il-klassifikazzjoni tagħhom bħala tajer tat-trazzjoni. Dan isolvi d-diffikultajiet li l-produtturi ta' tajers bil-wiċċ ġdid u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip kienu qed jiffaċċjaw fil-prattika fir-rigward tal-approvazzjoni ta' faċilitajiet ta' tiġdid tal-uċuħ tat-tajers li jipproduċu "tajers għall-użu f'kundizzjonijiet severi ta' borra" u l-verifika tal-konformità tal-produzzjoni ta' dawn it-tajers bil-wiċċ ġdid;

- it-tajers bil-wiċċ ġdid għall-karozzi kummerċjali u t-trejlers tagħhom - l-emendi proposti jcaqlqu l-preskrizzjonijiet għall-prestazzjoni tal-qabda fuq il-borra ta' tajers bil-wiċċ ġdid u l-klassifikazzjoni tagħhom bħala tajers tat-trazzjoni mir-Regolament Nru 109 għal Regolament tan-NU ddedikat ġdid dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tajers bil-wiċċ ġdid tal-klassijiet C1, C2 u C3 fir-rigward tal-prestazzjoni tal-qabda tagħhom fuq il-borra u/jew il-klassifikazzjoni tagħhom bħala tajer tat-trazzjoni. Dan isolvi d-diffikultajiet li l-produtturi ta' tajers bil-wiċċ ġdid u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip kienu qed jiffaċċjaw fil-prattika fir-rigward tal-approvazzjoni ta' faċilitajiet ta' tiġdid tal-uċuħ tat-tajers li jipproduċu "tajers għall-użu f'kundizzjonijiet severi ta' borra" u l-verifika tal-konformità tal-produzzjoni ta' dawn it-tajers bil-wiċċ ġdid;
- ir-reżistenza tat-tajers għad-dawrien, l-istorbju tat-tidwir u l-qabda fuq l-imxarrab - l-emendi proposti jtejbu r-riproduċibbiltà tal-metodu tat-test tal-qabda fuq il-borra billi jissostitwixxu t-tajers ta' referenza attwali C3 SRTTs 19.5 u 22.5 bit-tajers ta' referenza ġodda C3 SRTTs 19.5 u 22.5 ikkanalizzati. Minbarra għadd ta' bidliet editorjali, ir-referenza għall-istandards ISO hija aġġornata f'ħafna paragrafi u hija introdotta formula ġdida ta' korrezzjoni tat-temperatura għall-emissjonijiet tal-istorbju tat-tidwir ta' tajers tal-klassijiet C1 u C2. Il-proposta introduċiet ukoll metodoloġija ġdida biex jitkejjel il-brix tat-tajers C1;
- id-dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' magni tal-kombustjoni interna li għandhom jiġu installati fi tratturi agrikoli u tal-forestrija u f'makkinarju mobbli mhux tat-triq, fir-rigward tal-kejl ta' potenza netta, tat-torque nett u tal-konsum speċifiku ta' fjuwil - l-emendi proposti għandhom l-għan li jikkoreġu l-iżbalji tipografiċi, kif ukoll li jippermettu l-użu tal-idroġenu bħala fjuwil għall-approvazzjoni ta' magni tal-kombustjoni interna biex jiġu installati fi tratturi agrikoli u tal-forestrija u f'makkinarju mobbli mhux tat-triq, fir-rigward tal-kejl tal-potenza netta, tat-torque nett u tal-konsum speċifiku ta' fjuwil;
- sistemi mtejbja tat-trażżin għat-tfal - l-emendi proposti għandhom l-għan li jippermettu l-installazzjoni ta' apparat protettiv tal-manikin fuq il-bank fit-test dinamiku frontali b'booster cushion universali, mingħajr ma ssir ħsara lill-għonq tal-manikin;
- il-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu u b'ċellola tal-fjuwil - l-emendi proposti jikkoreġu r-referenzi li ġew inklużi matul it-traspożizzjoni tal-fażi 1 tal-GTR 13 fis-serje oriġinali ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 134 u kkupjati fis-serje ta' emendi 01 tar-Regolament tan-NU Nru 134;
- il-vetturi tat-trasport bit-triq silenzzjużi - l-emendi proposti jnaqqsu l-inċertezzu tal-kejl matul il-kejl tal-livell tal-ħoss tal-medda ta' terz ta' ottava u jnaqqsu partijiet eżistenti mhux ċari fil-kuntest tal-ħruġ tal-approvazzjonijiet. Barra minn hekk, hija indirizzata l-imġiba tas-sistema akustika ta' twissija tal-vettura (AVAS) meta l-veloċità tal-vettura tkun iktar minn 20 km/h u meta din tkun qed tirriversja biex

b'hekk tiġi żgurata interazzjoni li tiffunzjona bejn dan ir-regolament u r-rekwiżiti f'regolamenti oħra fil-qasam tal-livell massimu permissibbli tal-ħoss fil-medda tal-veloċità tal-AVAS u d-dispożizzjonijiet addizzjonali dwar l-emissjonijiet tal-ħoss (ASEP) jew id-dispożizzjonijiet addizzjonali dwar l-emissjonijiet tal-ħoss f'sewqan reali;

- apparati retroriflettivi - l-emendi proposti jallinjaw il-proċedura li għandha tiġi segwita f'każ ta' riflessjoni tas-superfiċje fuq ir-retroriflettur kemm għall-koeffiċjent tal-kejl tal-intensità luminuża kif ukoll għall-kejl tal-kulur. Attwalment, il-proċedura tal-kejl hija differenti u dan jista' jirriżulta f'koordinati differenti tal-kuluri mkejla f'laboratorji differenti; u
- iċ-ċibersigurtà u s-sistema ta' ġestjoni taċ-ċibersigurtà - il-proposta għandha l-għan li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament tan-NU Nru 155 biex jiġu inklużi l-vetturi kollha tal-kategorija L;
- proposta għal regolament ġdid tan-NU dwar il-prestazzjoni tal-qabda fuq il-borra u l-klassifikazzjoni tat-tajers tat-trazzjoni għal tajers bil-wiċċ ġdid - dan ir-regolament il-ġdid tan-NU huwa propost sabiex jiġu indirizzati d-diffikultajiet li l-produtturi ta' tajers bil-wiċċ ġdid u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip qed jiffaċċjaw fil-prattika bir-rekwiżiti eżistenti rigward l-approvazzjoni ta' faċilitajiet ta' tiġdid tal-uċuħ tat-tajers li jipproduċu "tajers għall-użu f'kundizzjonijiet severi ta' borra" u l-verifika tal-konformità tal-produzzjoni ta' dawn it-tajers bil-wiċċ ġdid. Din il-proposta timxi b'mod parallel mal-proposti li jneħħu l-preskrizzjonijiet tal-prestazzjoni tal-qabda fuq il-borra ta' tajers bil-wiċċ ġdid mir-Regolamenti tan-NU Nru 108 u 109.; u
- il-proposti għal modifiki għall-GTR tan-NU Nru 9, 13, 21, 22, u 24 biex jiġu aġġornati d-dispożizzjonijiet dwar:
 - is-sikurezza tal-persuni bil-mixi - l-emendi proposti huma relatati mal-iżvilupp ta' dispożizzjonijiet tal-ittestjar għal vetturi mġhammra b'sistemi ta' protezzjoni għall-persuni bil-mixi li jistgħu jintużaw, inklużi prerekwiżiti, mingħajr ma jinbidlu l-impatturi tal-forma tar-ras u l-parametri korrispondenti tagħhom għall-wiċċ tal-bonit;
 - il-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu u b'ċellola tal-fjuwil - l-emendi proposti jikkoreġu żbalji editorjali għat-test tal-emenda 1 għall-GTR tan-NU Nru 13;
 - id-determinazzjoni tal-potenza tal-vettura elettrika (DEVP) - l-emendi proposti jtejbu d-definizzjonijiet, l-ispeċifikazzjonijiet u jintroduċu kunċett ta' familja u sabiex jakkomodaw sistemi tal-motopropulsjoni integrati ħafna, jipprovdu metodu addizzjonali tal-proċedura tat-test ISO (TP1), li juża l-proporzjon tad-distribuzzjoni tal-potenza bejn żewġ ferġat tas-sistema tal-motopropulsjoni kif irrapportat mis-sinjal abbord;
 - id-durabbiltà tal-batterija fil-vettura għal vetturi elettriki light-duty - l-emendi proposti jintroduċu rekwiżiti għall-verifika tad-distanza virtwali rrapportata mill-manifattur; u
 - il-kejl fil-laboratorju tal-emissjonijiet tal-brejkijiet għal vetturi light-duty - l-emendi proposti jintroduċu l-proċedura biex jiġu ddeterminati l-koeffiċjenti tal-ishma tal-ibbrejkjar bil-frizzjoni speċifiċi għall-vettura għall-użu mal-GTR dwar il-kejl tal-materja partikolata bl-użu tal-brejkijiet u l-emissjonijiet tan-numru ta' partikoli mill-brejkijiet użati fuq vetturi light-duty sa 3.5 tunnellati.

Id-WP.29 qed jippjana li jivvota dwar dawn il-proposti fil-laqgħa tiegħu li se ssir mill-25 sat-28 ta' Ġunju 2024.

Barra minn hekk, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-UE dwar:

- proposta għall-emenda 4 tar-Riżoluzzjoni Reċiproka Nru 1 - l-emendi proposti jintroduċu speċifikazzjonijiet għall-kwalifikazzjoni ta' mudelli tal-ġisem tal-bniedem għad-determinazzjoni tal-ħin tal-Impatt tar-ras tal-persuna bil-mixi bħala prerekwiżit ta' sistemi ta' protezzjoni tal-persuna bil-mixi li jistgħu jintużaw f'konformità mar-rekwiżiti tal-GTR tan-NU Nru 9;
- proposta għal emenda tad-dokument ta' interpretazzjoni għar-Regolament tan-NU Nru 155 - il-proposta għandha l-għan li tallinja d-dokument ta' interpretazzjoni mal-proposta ta' emenda simultanja għar-Regolament tan-NU Nru 155, li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament biex jiġi inklużi l-vetturi kollha tal-kategorija L;
- proposta għal linji gwida u rakkomandazzjonijiet għar-rekwiżiti tas-sikurezza, għall-valutazzjonijiet u għall-metodi ta' ttestjar tas-sistemi tas-sewqan awtomatizzati (ADS) biex jiġi infurmat l-iżvilupp regolatorju; u
- proposta għal emenda għal-linji gwida ġenerali għall-proċeduri regolatorji tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fir-regolamenti tan-NU - il-proposta tkompli tiċċara l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni fir-regolamenti tan-NU.

Jenħtieġ li l-UE tappoġġa l-atti msemmin hawn fuq minħabba li dawn jikkonformaw mal-politika tas-suq intern tagħha dwar l-industrija tal-karozzi, fir-rigward tas-sikurezza, l-awtomatizzazzjoni u l-emissjonijiet, kif ukoll mal-politiki tagħha dwar it-trasport, il-klima u l-enerġija.

Dawn l-atti kollha għandhom impatt pożittiv ħafna fuq il-kompetittività tal-industrija tal-karozzi tal-UE u fuq il-kummerċ internazzjonali. Vot favur dawn l-atti jippromwovi l-progress teknoloġiku, jipprovdi ekonomiji ta' skala, jipprevjeni l-frammentazzjoni tas-suq intern u jiżgura li l-istandards tal-karozzi jiġu applikati bl-istess mod fl-UE kollha.

L-għarfien espert estern mhuwix rilevanti għal din il-proposta. Madankollu, il-Kumitat Tekniku dwar il-Vetturi bil-Mutur irrieżamina din il-proposta.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE jiddikjara li l-Kunsill jadotta deċiżjonijiet li jistabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta' “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi atti li għandhom effetti legali minħabba r-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni. Il-kunċett ta' “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE”³.

³ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, *il-Ġermanja vs il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Id-WP.29 huwa s-sede li fih il-partijiet kontraenti tan-NUKEE jiddiskutu l-implimentazzjoni tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Ftehim Parallel.

L-atti li d-WP.29 qed jintalab jadotta huma atti li għandhom effetti legali.

Ir-regolamenti tan-NU stabbiliti fl-att previst se jkunu vinkolanti għall-UE. Flimkien mar-risoluzzjoni tan-NU u l-GTRs tan-NU, se jkunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġislazzjoni tal-UE fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi.

L-atti previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġettiv u l-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-UE.

L-att previst jista' jkollu żewġ għanijiet jew komponenti, li wieħed minnhom jista' jiġi identifikat bħala ewlieni u l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali. F'dan il-każ, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dik il-waħda għall-għan jew għall-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġettiv u l-kontenut ewlieni tal-att previst huma l-approssimazzjoni tal-liġijiet. Għaldaqstant, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 114 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi legali tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 114 tat-TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-proposti għal modifiki tar-Regolamenti tan-NU Nru 13, 13-H, 22, 30, 41, 49, 51, 54, 63, 78, 79, 83, 85, 96, 100, 101, 108, 109, 117, 120, 129, 134, 138, 150, u 155, u dwar proposta għal regolament ġdid tan-NU dwar il-prestazzjoni tal-qabda fuq il-borra u l-klassifikazzjoni tat-tajers tat-trazzjoni għal tajers bil-wiċċ ġdid, dwar proposti għal modifiki tar-regolamenti tekniċi globali tan-NU Nru 9, 13, 21, 22 u 24, u dwar proposta għal emenda tar-riżoluzzjoni reċiproka Nru 1

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, moqri flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE¹, l-Unjoni aderiet mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE) li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jiġu ffittjati u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("il-Ftehim Rivedut tal-1958"). Il-Ftehim Rivedut tal-1958 daħal fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998.
- (2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE², l-Unjoni aderiet mal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel"). Il-Ftehim Parallel daħal fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2000.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jistabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip u t-tqegħid fis-suq tal-vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ġodda kollha. Dan ir-Regolament jinkorpora r-regolamenti li ġew adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 ("ir-

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-ħsieb tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li tikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu ikunu iffittjati ma' u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet reċiproki tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti, tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel") (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

³ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

regolamenti tan-NU”) fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

- (4) Skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim Parallel, il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NUKEE (WP.29) jista’ jadotta proposti għal modifiki tar-regolamenti tan-NU, għall-GTRs tan-NU u għar-risoluzzjonijiet tan-NU, kif ukoll proposti għal regolamenti tan-NU, GTRs tan-NU u risoluzzjonijiet tan-NU ġodda dwar l-approvazzjoni tal-vetturi. Barra minn hekk, skont dawk id-dispożizzjonijiet, id-WP.29 tan-NUKEE jista’ jadotta proposti għal awtorizzazzjonijiet biex jiġu żviluppati emendi għall-GTRs tan-NU jew biex jiġu żviluppati GTRs ġodda tan-NU, u jista’ jadotta proposti għall-estensjoni tal-mandati għall-GTRs tan-NU.
- (5) Mill-25 sat-28 ta’ Ġunju 2024, matul il-193 sessjoni tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NUKEE, id-WP.29 jista’ jadotta: proposti għal emendi tar-Regolamenti tan-NU Nru 13, 13-H, 22, 30, 41, 49, 51, 54, 63, 78, 79, 83, 85, 96, 100, 101, 108, 109, 117, 120, 129, 134, 138, 150 u 155; proposta għal regolament ġdid tan-NU dwar il-prestazzjoni tal-qabda fuq il-borra u l-klassifikazzjoni tat-tajers tat-trazzjoni għal tajers bil-wiċċ ġdid; il-proposti għal modifiki għall-GTR tan-NU Nru 9, 13, 21, 22 u 24; kif ukoll proposta għal emenda għar-risoluzzjoni reċiproka Nru 1.
- (6) Ir-regolamenti tan-NU se jkunu vinkolanti għall-Unjoni. Flimkien mar-risoluzzjoni tan-NU u l-GTRs tan-NU, se jkunu jistgħu jinfluenzaw b’mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi. Għalhekk, jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fid-WP.29 dwar l-adozzjoni ta’ dawk il-proposti.
- (7) Sabiex jiġu riflessi l-esperjenza u l-iżviluppi tekniċi, jeħtieġ li jiġu emendati jew supplimentati r-rekwiżiti għal ċerti aspetti jew karatteristiċi koperti mir-Regolamenti tan-NU Nri 13, 13-H, 22, 30, 41, 49, 51, 54, 63, 78, 79, 83, 85, 96, 100, 101, 108, 109, 117, 120, 129, 134, 138, 150, u 155, mir-risoluzzjoni reċiproka tan-NU Nru 1 u l-GTR tan-NU Nru 9, 13, 21, 22 u 24.
- (8) Sabiex ikun jista’ jsir progress tekniku u sabiex tittejjeb is-sikurezza u titnaqqas l-impronta ambjentali, jeħtieġ li jiġi adottat regolament ġdid tan-NU dwar il-prestazzjoni tal-qabda fuq il-borra u l-klassifikazzjoni tat-tajers tat-trazzjoni għal tajers bil-wiċċ ġdid.
- (9) Dawn il-proposti huma f’konformità mal-politika tas-suq intern tal-UE dwar l-industrija tal-karozzi fir-rigward tas-sikurezza, l-awtomatizzazzjoni u l-emissjonijiet, kif ukoll il-politiki tagħha dwar it-trasport, il-klima u l-enerġija u għandhom impatt pożittiv ħafna fuq il-kompetittività tal-industrija tal-karozzi tal-UE u fuq il-kummerċ internazzjonali.
- (10) Fid-dawl tal-benefiċċji msemmija, huwa ssuġġerit li ssir votazzjoni favur dawn il-proposti.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fil-193 sessjoni tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NUKEE li se ssir bejn il-25 u t-28 ta’ Ġunju 2024 għandha tkun li tivvota favur il-proposti elenkati fl-Anness ta’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*